MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta ta' l-24 ta' Mejju, 2012

Talba Numru. 1309/2010

**GO p.l.c. (C-22334)**

**Vs**

**Bridget Farrugia**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta attrici stqarret li l-konvenuta ghandha thallasha s-somma ta' mitejn u sebghin ewro u sebgha u sittin centezmu (€270.67) liema ammont huwa dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni ma' servizz ta' komunikazzjoni, bl-akkont numru AC 40066861 skont diversi kontijiet mibghuta lilha. Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenuta mressqa fl-24 ta' Jannar, 2011 u li permezz taghha hija ecceppiet hekk:

i) Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante:

a) Illi fit-28 ta’ Settembru 2007 meta gie mhallas l-ahhar kont *in full* min-naha tal-konvenuta, kienet giet iffirmata applikazzjoni fil-fergha tal-GO ta’ Psaila Street, Birkirkara, sabiex jigi mnehhi s-*service* ta’ komunikazzjoni bl-akkont numru AC 40066861 u dan stante illi l-post tal-konvenuta kien ha jinkera lill-persuna barranija.

b) Illi minkejja tali applikazzjoni, hekk kif il-post tal-konvenuta, f’ Gesu redentur, Flat 1, Triq il-Kbira, Mosta gie vakat, u hija marret fih, hija sabet diversi kontijiet li ghadhom jghajtu lilha.

c) Illi minkejja li l-konvenuta cemplet diversi drabi il-Call Centre tal-GO biex tkun taf ezattament x’gara, dejjem giet infurmata li se tigi ikkuntattjata lura, imma dan baqa ma sarx.

Semgha’ x-xhieda, u ra d-dokumenti kollha mressqa mill-partijiet

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Illi fis-seduta tat-3 ta’ Mejju, 2011 xehdet **Dr. Ingrid Zammit Young** li kkonfermat li l-ammont ghadu kollu dovut u li sa meta xehdet ma kienx sar l-ebda pagament.

2. Fis-seduta tas-6 ta’ Lulju, 2011 xehdet **il-konvenuta Bridgette Farrugia**. Hija qalet li kienet toqghod fil-flat numru 1, f’Redentur Flats, Triq il-Kbira, Mosta. Meta kienet sejra titlaq minn dan il-post, hija kienet hadet il-kontijiet li kellha gewwa l-fergha tas-socjeta attrici li tinsab f’Birkirkara. Kien akkumpanjaha zewgha. Hi kienet kellmet impjegata tas-socjeta attrici li kienet tinsab hemm u wara li din ivverifikat x’kontijiet kien ghad fadal pendenti, hija giet infurmatha li kien hemm kont ta’ sitta u ghoxrin liri Maltin (Lm26) pendenti. Dak-in-nhar stess, il-konvenuta infurmat lil din l-addetta li riedet twaqqaf is-servizz fuq il-linja

telefonika taghha peress li kienet sejra toqghod band'ohra. Fil-fatt, tghid il-konvenuta, hija kellha thallas is-somma ta' erbgha u erbghin lira Maltin (Lm44) minhabba dan il-fatt. Meta giet mistoqsija x'kien jisimha din it-tfajla, l-konvenuta wiegbet u qalet li ma tiftakarx. Il-konvenuta ziedet tghid li din it-tfajla qaltilha li ma kienitx problema biex twaqqaf il-kont u li l-hlas ghalhekk kien sar. Il-konvenuta imbaghad ghaddiet biex esebiet zewg dokumenti. L-ewwel wiehed u cioe dak immarkat bhala Dok. BC 1 li huwa kont u li taht nett tieghu hemm l-ammont ta' Lm26.70 maqtugh u hdejh bil-biro hemm imbaghad miktub l-ammont ta' 44.32 li t-tribunal qed jifhem li huma f'liri Maltin l-ghaliex l-ammont ta' Lm26.70 jinsab taht il-kolonna LM. It-tieni dokument li gie mmarkat bhala Dok. BC 2 huwa ricevuta tal-hlasijiet li saru mill-konvenuta f'Settembru, 2007. L-ammont tal-hlasijiet huma ta' Lm44.32 ekwivalenti ghal €103.24.  Fis-seduta tat-13 ta' Marzu, 2012 sar il-kontro-ezami tal-konvenuta. Hija qalet li meta marret fl-ufficju tas-socjeta attrici biex thallas il-kontijiet pendenti hadd mis-socjeta attrici ma nfurmaha li hi kellha taghmel *removal form*. Fil-fatt qalet li "*jiena ma ffirmajtx formola ghall-qtugh tas-servizz l-ghaliex hadd ma talabni*" u in ri-ezami qalet "*illi meta mort l-ufficini ta' Birkirkara tal-Maltacom hadd ma qalli li rrid niffirma xi formola ghidtilha jiena pero li ridt naqta s-servizz*". Meta regghet xehdet il-konvenuta fuq ordni tat-Tribunal, il-konvenuta stqarret illi l-proprjeta tal-Mosta hija taghha. Wara li telqet mill-proprjeta taghha gewwa l-Mosta hija kienet ippermettiet "*lill-habiba tieghi u l-boyfriend taghha jghixu fih, dan forsi ghal xahrejn*" (fol. 38). Wara li telqet il-habiba taghha minn dan il-post, "... *jiena ma ergajtx mort go dan il-post* " (fol. 38).

3. Mid-dokument esebit mis-socjeta attrici u li jinsab a fol. 2 jidher li din il-linja baqghet tintuza anke wara li thallas il-kont f'Settembru, 2007. Hekk perezempju insibu minn dan il-kont illi:

i. Fl-10 ta' Ottubru, 2007 saru telefonati lid-*directory enquiries*, lejn numru tal-Go Mobile, *local calls* u *local calls – night*;

ii. Fl-4 ta' Dicembru, 2008 saru telefonati lid-*directory enquiries*, lejn numru tal-Go Mobile, *local calls, local calls – night*, *international calls to fixed, international call to mobile*, lejn numri tal-Vodafone u hafna ohrajn;

iii. Fit-12 ta' Frar, 2009 saru telefonati lejn numru tal-Go Mobile, *local calls* u *local calls – night*, lejn numri tal-Vodafone u hafna ohrajn;

iv. Fid-9 ta' April, 2009 saru telefonati tat-tip *local calls* u *local calls – night*.

4. It-Tribunal huwa tal-fehma li l-ammont ta' €103.24 li hallset il-konvenuta lis-socjeta attrici kien a saldu (skond ma jinghad fl-ewwel eccezzjoni taghha) tal-kontijiet li kien hemm pendenti fuq is-servizz li kienet qeghda tuza l-konvenuta sa dak-inhar. Ovvjament, il-pretensjonijiet tas-socjeta attrici huma ghal dati wara dan il-hlas.

5. Illi lanqas ma gie ppruvat a sodisfazzjoni tat-Tribunal li l-konvenuta kienet iffirmat xi dokument sabiex is-servizz telefoniku jigi *disconnected*. Kieku dan kien minnu, zgur li ma kienx ser ikun hemm kontijiet ohra pendenti. Oltre dan, li kieku din il-linja tat-telefon ma baghetx tintuza zgur li ma kienx ikun hemm uzu taghha skond ma jirrizulta mid-dokument IZY 1 (fol. 2). Il-konvenuta baqghet qatt ma tat spjegazzjoni ta' kif din il-linja baqghet tintuza u l-kontijiet jizdiedu.

6. Illi galadarba s-servizz telefoniku jghajjat lill-konvenuta, kull kont pendenti li hemm fuq dan is-servizz huma responsabbilita taghha.

7. Ghalhekk huwa jsibha difficli li jemmen lill-konvenuta li hija ma kienitx taf li dawn it-telefonati qeghdin isiru l-ghaliex id-dokumenti jitkellmu wahedhom. Illi ghalhekk, it-Tribunal huwa tal-fehma li s-socjeta attrici ppruvat il-pretensjonijiet taghha, filwaqt li l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta qeghdin jigu michuda in vista ta' dak li nghad hawn fuq.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi dan il-kaz billi filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta fejn dawn huma b'xi mod inkompatibbli ma dak hawn fuq deciz, u filwaqt li jiddikjara li s-socjeta attrici ppruvat il-kaz taghha jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta attrici s-somma reklamata ta' mitejn u sebghin euro u sebgha u sittin centezmi ta' euro (€270.67) bl-imghaxijiet jibdew jiddekorru minn meta kienu dovuti l-ammonti skond id-dokument immarkat bhala IZY 1 (a fol. 2).

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mill-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------